**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 385/2015 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Charles Farrugia**

**Illum 18 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charles Farrugia ta' 32 sena, iben Lawrence u Grace xebba Sciberras imwieled gewwa l-Pieta' nhar it-3 ta' Lulju 1978 u residenti gewwa 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 321378M;

1. U nakkuzah talli fil-lejl ta' bejn 04 u 05 ta' April 2015, minn Triq Connaught, Zejtun, f'ħin mhux magħruf, sraqt vettura ta' għamla u marka Peugeot 106 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL-828 liema serq jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94 Euro) u għalhekk ikkwalifikat bil-mezz, valur u hin u bix-xorta tal-haġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Carmel Abela detentur ta' karta tal-identità 01032344M u jew/persuna/i oħra.

2. U aktar talli nhar il-11 ta' April 2015 ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu fi Triq il-Haddiem Zejtun, volontarjament ta n-nar lil vettura tal-ghamla u marka Peugeot 106 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL 828 u dan ghad-dannu ta' Carmel Abela detentur tal-karta tal-identita 1032344M meta filwaqt ma kienx hemm ebda persuna hemm gewwa, u din il-vettura kienet b'mod ma tistax tqababd hruq f'bini iehor, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316 fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa u dan ai termini tal-artikolu 318 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi mmedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-116.47 Euro fuq vettura ta' ghamla u marka Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni AAL828 ghad-dannu ta' Carmel Abela u/jew persuna/i ohra

4. U aktar talli nhar l-4 t'April 2015 u fil-jiem ta' wara din id-data. F'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saq vettura ta' ghamla u marka Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni AAL828 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni ghal terzi persuni;

5. U aktar talli nhar il-11 t'April 2015 ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu fi Triq il-Haddiema Zejtun volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-116.47 Euro fuq vettura ta' ghamla u marka Subaru bin-

numru tar-registrazzjoni IBC875 ghad-dannu ta' Carmel Cutajar detentur tal-karta tal-identita' 0438946M u/jew persuna/i ohra

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi mmedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-116.47 Euro fuq vettura ta' ghamla u marka VW bin-numru tar-registrazzjoni DAU404 ghad-dannu ta' Leonard Emanuel Seisun detentur tal-karta tal-identita' 0454385M u/jew persuna/i ohra

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi mmedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-116.47 Euro fuq vettura ta' ghamla KYMCO Agility 125 bin-numru tar-registrazzjoni DBV901 ghad-dannu ta' Sandro Borg detentur tal-karta tal-identita' 308782M u/jew persuna/i ohra.

8. U aktar matul ix-xahar ta' April 2015 f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' tarka tar-registrazzjoni bin-numru BAT 606 minn fuq vettura tal-ghamla Peugeot 106 liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Donna Mifsud.

9. Fis-7 ta' April 2015 gewwa Hal Luqa, ghall-habta tas-14:30 pm ikkommetta serq ta' mija u hamsin Ewro (€150) fi flus kontanti ghad-detriment ta' Carmel Attard, anzjan ta' 61 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u l-valu li ma jeccedix l-ammont ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) u li sar ghad-dannu tal-istess peruna;

Nakkuzah talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn is-7 u l-10 t'April 2015, b'diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

10. Fis-7 ta' April 2015 gewwa Hal Tarxien ghal habta tas-6.20am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom basket ta' kulur iswed, sittin ewro (60 Euro) fi flus kontanti u set ċwievet minn fuq il-persuna ta' Carmela Tabone, anzjana ta' 77 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin u l-valur li jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94 Euro) u li sar ghad-dannu tal-istess persuna.

11. U aktar talli fl-istess data, lok u hin immedjatament hawn fuq imsemmija, ikkaġuna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Carmela Tabone hekk kif iċċertifika Dr Ian Psaila med reg 3395 tal-Poliklinika ta' Rahal Gdid.

12. Fis-7 ta' April 2015 gewwa Sta Lucija ghal habta tas-2.15pm b'atti esterni ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq minn fuq il-persuna ta' Antonia Gafa liema reat ma sehhx minhabba xi haga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema reat sehh ghad-detriment ta' Antonia Gafa detentrici ta' karta tal-Identita nru 017 3361M.

13. U aktar talli fid-9 ta' April 2015 gewwa Mqabba ghal habta tas-5.35am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom portmoni ta' kulur blu, basket ta' kulur iswed, ghaxar Ewro (10 Euro) fi flus kontanti apparat ċellulari ta' kulur iswed u ghamla Nokia u karta tal-Identita minn fuq il-persuna ta' Mary Zammit, anzjana ta' 59 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin u li sar ghad-dannu tal-istess persuna.

14. U aktar talli fid-9 ta' April 2015 gewwa Rahal Gdid ghal habta tal-10.30am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom basket ta' kulur Cream, portmoni ta' kulur blu, credit cards, set ċwievet u karta tal-Identita minn fuq il-persuna ta' Rosette Bartolo, ta' 50 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u li sar ghad-dannu tal-istess persuna.

15. U aktar talli fl-istess data, lok u hin immedjatament hawn fuq imsemmija, ikkaġuna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Rosette Bartolo hekk kif iċċertifika Dr Martina Aquilina med reg 3478 tal-Poliklinika tal-Furjana.

16. U aktar talli fid-9 ta' April 2015 gewwa z-Zurrieq ghal habta tal-4.00pm ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom basket ta' kulur iswed, portmoni ta' kulur iswed, apparat ċellulari ta' ghamla Nokia, erbghin ewro (40Euro) fi flus kontanti, basket blu tad-drapp u karta tal-Identita minn fuq il-persuna ta' Tereza Gauci anzjana ta' 77 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u li sar ghad-dannu tal-istess persuna.

17. U aktar talli fl-10 t'April 2015 gewwa Rahal Gdid ghal habta tas-6.40am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom portmoni, tletin ewro (30) flus kontanti, u sett ċwievet minn minn fuq il-persuna ta' Maria Borg anzjana ta' 67 sena liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, u li sehh ghad-dannu tal-istess persuna.

18. U aktar talli fl-10 t'April 2015 gewwa Hal Luqa ghal habta tas-6.20am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom hamsin Ewro (50) flus kontanti, apparat ċellulari ta' ghamla Nokia u sett ċwievet minn minn fuq il-persuna ta' Maria Borg anzjana ta' 67 sena liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-hin u l-valur li jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tletin euro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94c) u li sehh ghad-dannu tal-istess persuna.

19. U aktar talli fl-10 t'April 2015 gewwa Rahal Gdid ghal habta tas-6.30am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom portmoni, tmenin ewro (80) flus kontanti, minn minn fuq il-persuna ta' Maria Stella Vassallo anzjana ta' 63 sena liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, u bil-hin u li sehh ghad-dannu tal-istess persuna.

20. U aktar talli fl-10 t'April 2015 gewwa Rahal Gdid ghal habta tas-6.50am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom basket ta' kulur iswed, sittin ewro (60) flus kontanti, karta ta' kreditu 'Quickcash' ta

HSBC, tlett dokumenti u apparat ċellulari ta' ghamla Nokia minn minn fuq il-persuna ta' Josephine Bonnici anzjana ta' 67 sena liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, u l-valur li jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tletin euro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94c) u li sehh ghad-dannu tal-istess persuna.

21. U aktar talli fl-10 t'April 2015 gewwa Gudja ghal habta tas-6.10am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom basket, portmoni u hamsin Ewro (50) flus kontanti, apparat ċellulari ta' ghamla Nokia u sett ċwievet minn minn fuq il-persuna ta' Josephine Caruana anzjana ta' 71 sena liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-hin u li sehh ghad-dannu tal-istess persuna.

22. U aktar talli fl-10 t'April 2015 gewwa Hal Ghaxaq ghal habta tas-5.45am ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom portmoni ta' kulur beige, hamsa u tletin (35) Ewro flus kontanti minn minn fuq il-persuna ta' Josephine Attard anzjana ta' 69 sena liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, u bil-hin u li sehh ghad-dannu tal-istess persuna.

23. U aktar talli fl-10 t'April 2015 gewwa Hal Luqa ghal habta tas-6.15am b'atti esterni ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq minn fuq il-persuna ta' Ganna Ellul liema reat ma sehhx minhabba xi haga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema reat sehh ghad-detriment ta' Ganna Ellul anzjana ta' 66 sena detentrici ta' karta tal-Identita nru 0480348M.

24. U aktar talli fl-10 t'April 2015 gewwa Zurrieq ghal habta tat-3.35 ta' wara nofs-in-nhar b'atti esterni ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq minn fuq il-persuna ta' Lucy Abela anzjana ta' 64 sena liema reat ma sehhx minhabba xi haga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema reat sehh ghad-detriment ta' Lucy Abela detentrici ta' karta tal-Identita nru 0985250M.

25. U aktar talli fl-istess data u ċirkostanza mmedjatament hawn fuq imsemmija hedded lill-istess Lucy Abela b'hadida

26. U aktar talli fix-xahar ta' April 2015 u/jew fi jiem ta' qabel uzajt 'network' jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew titraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriża ghal uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew nkella tużah b'mod mhux kif imiss u dan ai termini ta' art 48 (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

27. U aktar talli nhar il-11 ta' April 2015 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li taghmel reat jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel gwadann, jew bil-hsieb li gieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos mill jaghmel xi haga, jhedded li jakkuża jew li jaghmel ilment kontra jew jimmalafama lil dik il-persuna jew li taghmel uzu iehor mhux xieraq bih u dan ai termini ta' art 49 Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

28. U aktar talli fl-istess perijodu immedjatament hawn fuq imsemmi gibt ruhek b'mod ta' fastidju lil persuna ohra u cioe' lil Daniela Bonnici u persuni ohra b'mod li kont taf jew b'mod li tkun taf jew missek kont taf li dan hu ta' fastidju ghal persuna u dan ai termini ta' art 251A (a)(b) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

29. U aktar talli fl-istess perijodu bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil haddiehor biża li se tintuża vjolenza kontra Daniela Bonnici u familjari taghha jew kontra propjeta' tal-familja Bonnici jew dixxent/i meta inti kont taf li l-imgieba tieghek se tikkaġuna biża u dan ai termini ta' Art 251B tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

30. U aktar talli gewwa z-Zejtun nhar il-11 t'April 2015 ghal habta tas-6.40 ta' filghodu, harab mill-kustodja tal-Pulizija u dan bi ksur ta' Artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

31. U aktar talli fil-11 t'April 2015 gewwa ghalqa fiz-Zejtun u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer inġurja jew hedded jew ghamel offiża fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' il-

kuntistabbli 1303 Brian Micallef u l-kuntistabbli 1166 Luca Grasso waqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew jbeżżax fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dain ai termini tal-art 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

32. Aktar talli fl-istess lok, data hin u ċirkostanzi hebb ghall-istess uffiċjali pubbliċi imsemmija sabiex jingurja jew jaghmel xi hsara lill-istess uffiċjali pubbliċi u dain ai termini tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

33. Aktar talli fl-istess lok, data hin u ċirkostanzi ma obdejtx l-ordnijiet leġittimi moghtija lilek hekk mill-Pulizija jew ma hallejtx jew fixkilthom waqt li kienu qed jaghmlu dmirijiethom jew b'xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejtx lill-mebri tl-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorità kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

34. U aktar talli fl-istess lok, data hin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u ġlied u dan ai termini tal-artikolu 338(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

35. U aktar talli fl-istess lok, data hin u ċirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai termini tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

36. U aktar talli fl-istess lok, data hin u ċirkostanzi irrifjuta li jaghti lill uffiċjali pubbliċi u cioe' kuntistabbli 1303 Brian Micallef u l-kuntistabbli 1166 Luca Grasso li kienu inkarigati minn dan is-servizz skont il-ligi waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, ismu u kunjomu fejn joqghod u partikolarijiet ohra u dan ai termini tal-artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

37. Qieghed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess dati u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija Ukoll naqas milli jhares xi wahda, jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Magistrat Dr Aaron Bugeja b'digriet datat 30/01/2015 li bih huwa nghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jaghmilx reat bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

38. U kif ukoll talli fl-istess dati u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija naqas milli jhares xi wahda, jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Magistrat Dr Neville Camilleri) b'digriet datat 18 t'April 2013 li bih huwa nghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jaghmilx reat u b'depozitu ta' mitejn u hamsin Ewro (250) u garanzija personali ta' tlett elef Ewro (3000) bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

39. U kif ukoll talli fl-istess dati u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija naqas milli jhares xi wahda, jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Magistrat Dr Anthony Vella) b'digriet datat 20 ta' Jannar 2014 li bih huwa nghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jaghmilx reat u garanzija personali ta' hamest elef Ewro (5000) bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

40. U kif ukoll talli fl-istess dati u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija naqas milli jhares xi wahda, jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Imhallef Dr M. Mallia) b'digriet datat 6 ta' Mejju 2014 li bih huwa nghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jaghmilx reat, depozitu ta' elf Ewro (1000) u garanzija personali ta' hamest elef Ewro (5000) bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Kif ukoll talli gahmel reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-1 ta' Diċembru 2014 mill-Magistrat Dr D. Clarke liema deċizzjoni saret definittiva.

Talli sar recediv wara sentenza hawn fuq msemmija moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-1 ta' Dicembru 2014 mill-Magistrat Dr D. Clarke liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearres tal-imsemmi imputat. Kif ukoll tordna li s-somom hawn fuq indikati bhala depozitu u garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

F'kaz ta' htija, l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i involuti u l-familjari taghhom ai termini tal-artikolu 382A, 383, 384, 385 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli b'hekk irrendaa ruhu recediv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru defenittivi w ma jistghux jigu mibdula *u dan bi ksur ta' Artikolu 49 u 50 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 12 t'April 2015, kif ukoll fis-seduta tat-22 t'April 2015, kif ukoll fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2015 fejn żdiedu akkużi ġodda, regghu inqraw l-akkuzi fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015. Illi fis-seduta tat-22 ta' Novembru regghu inqraw l-akkuzi iżda li huma ghal kollox simili kif kienu oriġinalment fl-ewwel seduta li nqraw billi saret żieda fid-data.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' PIRS report immarkata CC1, fedina penali dok CC2, garanzija ta' depożitu u kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest dok RA, dok KB, Dok DB u Dok KP, dok JG1 sa JG9, Dok BM, Dok ML u dok ML1, dok CC, dok SC1, dok NB, dok DS, dok DG, Dok RA, dok JC1m dok JC2, dok SM1 sa SM3, dok TC1, dok EA1 sa EA3, dok EM1, dok

IP, dok MA, dok MSC, dok MP, PV 624/2016, dok KC, dok JG ritratti u CD, dok EM, dok CB1, CD dok CB2 u tlett ritratti dok CB3, stqarrija tal-imputat dok CC1, riċevuta dok CC2, tlett kopji ta' sentenzi mmarkati dok CC3, CC4 u CC5, rapport tal-Probation Officer dok MF1, dok BM1, dok KM1A, dok JS1A, diversi rapporti dok MS1 sa MS14, sittax-il ċertifikat tat-twelid dok MS15 sa dok MS30, dok POL1, dok MZD1, dok RB1, dok SZ1 sa dok SZ3, dok SC1 u dok SC2, dok SOCO1 u SOCO2, dok HG1, dok JPS1, dok EGF1

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil l-ispettur Roderick Agius, Spettur Kylie Borg, Spettur Darren Buhagiar, PC 1303 Brian Micallef, PC 1166 Luca Grasso, Spettur Kevin Pulis, PS 1152 Emanuel Saliba, PC 501 Duncan Dimech, PS 90 Jeffrey Gerada, Stephen Cachia, Mark Laferla Junior, Carmel Abela, Carmel Cutajar, Dr Noel Bianco, Tereza Gauci, Carmel Attard, Josephine Attard, Davina Sullivan, Josephine Bonnici, Daniela Gauci, Antoinette Bonnici, Charmaine Turner, Marilyn Formosa, Donna Mifsud, Rita Zammit, Gianna Ellul, Maria Borg, Antonia Gafa, Carmela Tabone, Maria Stella Vassallo, Josephine Caruana, PS 15 Cyril Butters, WPS 262 Diane Galea, PS 1314 Raymond Ambrogio, PS 285 Jeffrey Cutajar, PS 1480 Sandro Mallia, WPS 7 Therese Cuschieri, WPS 219 Erika Abela, PS 1429 Eric Mangion, Rosette Bartolo, Dr Ian Psaila, Dr Martina Aquilina, Dr Maria Stella Caruana, PS 1227 Malcolm Pace, Deputat Registratur Benjamina Mifsud, Karen Cremona, spettur Spiridione Zammit, spettur Carlos Cordina, Marilyn Formosa, PS 637 Kevin Manicolo, PC 405 Jason Schembri, WPC 339 Whitney Falzon Debono, PC 164 Mark Abdilla, Mary Zammit Douglas, Daniel Camilleri, Sandro Borg, Lucy Abela, Spettur Hubert Cini, dr Tania Mizzi, Helenio Galea, PC 663 John Paul Sciriha, Eunice Grech Fiorini, Joanne Buhagiar, Christy Catania.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-hdax il-jum (11) ta' Gunju 2020 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271 u 278(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 318 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fl-artikoli 3 u 22 tal-Ordinanza dwar L-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
6. Fl-artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
7. Fl-artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
8. Fl-artikoli 261(f)(g), 270, 271, 281(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(c), 276A, 214, 215, 221, 222A(1), 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Fl-artikoli 214, 215, 221, 222A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
12. Fl-artikoli 41, 284, 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
13. Fl-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
14. Fl-artikoli 261(a), 262, 274(c), 214, 215, 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
15. Fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
16. Fl-artikoli 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
17. Fl-artikoli 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
18. Fl-artikoli 261(a)(c)(f), 267, 270 u 280(1), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
19. Fl-artikoli 261(f), 270, 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
20. Fl-artikoli 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
21. Fl-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
22. Fl-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
23. Fl-artikoli 41, 284, 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
24. Fl-artikoli 41, 284, 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
25. Fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
26. Fl-artikolu 48(d) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta
27. Fl-artikolu 49 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta
28. Fl-Artikolu 251A(a)(b)tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
29. Fl-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

30. Fl-Artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
31. Fl-Artikolu 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
32. Fl-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
33. Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
34. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
35. Fl-Artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
36. Fl-Artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
37. Fl-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
38. Fl-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
39. Fl-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
40. Fl-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
41. Fl-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
42. Fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 289, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
43. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tas-19 ta' Frar 2021 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

**Ikkunsidrat**

**L-Ispettur Roderick Agius** esebixxa kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kien inghata lill-imputat nhar it-2 ta' Mejju 2014.

**Spettur Kylie Borg** esebiet kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kien inghata lill-imputat nhar it-20 ta' Jannar 2014.

**Spettur Darren Buhagiar** esebixxa kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kien inghata lill-imputat nhar it-18 ta' April 2013.

**PC 1303 Brian Micallef** qal li fil-11 t'April kien mar flimkien ma' PC 1166 sabiex imorru jassistu kollegi ohra taghhom gewwa Vjal il-Haddiem fiz-Zejtun. Huwa kien mar minhabba li kienu qeghdin josservaw vettura tal-ghamla

Peugeot 106 li kellha zewg numri ta' registrazzjoni differenti. Waqt li kienu hemm lemhu lil Charles Farrugia tiela minn naha l-ohra tal-bankina. Dan kellu xkora taht idejh u dahal gewwa ghalqa. Infurmaw lil kollegi taghhom. Lemhu kollega taghhom jigri u Charles Farrugia jigri wkoll u pruvaw izommuh fejn f'him minnhom qabad gebla u huma hargu l-arma tas-servizz u ceda. Huma kienu qeghdin jaghmlu osservazzjonijiet minhabba li din il-vettura kien hemm suspett fuqha li intuzat f'serq.

**PC 1166 Luca Grasso** flimkien mal-kollega tieghu kienu marru gewwa z-Zejtun sabiex jaghmlu osservazzjonijiet fuq vettura li kien hemm suspett li ntuzat f'diversi serqiet. F'xi hin raw lill-imputat miexi fejn kellu xkora f'idejh u f'hin minnhom dahal f'ghalqa u avzaw lil shabom dwar persuna li gejja fid-direzzjoni taghhom. Wara xi hadd semghu lil kollegi taghhom jghajtulhom u raw lill-imputat jigri. Beda jigri warajh u xi hin ma rahx fejn wara induna li kien fl-art. L-imputat qam jigri u mar hdejn hajt tas-sejjiegh u qabad gebla. Kien dan il-mument meta ceda, rega' harab u grew warajh u qabduh. Wara saret search fuq il-persuna u gie nutat li kellu riha ta' petrol fuq il-persuna tieghu. Huwa kkonferma li kienu qeghdin jaghmlu osservazzjonijiet fuq vettura bin-numru ta' registrazzjni BAT 606.

**Spettur Kevin Pulis** xehed u esebixxa kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kien inghata lill-imputat nhar it-30 ta' Jannar 2015.

**PS 1152 Emanuel Saliba** qal li fil-11 t'April 2014 kienu qeghdin jaghmlu osservazzjonijiet minhabba li kien hemm vettura li kien hemm suspett li ntuzat f'diversi serqiet. Din kienet gewwa z-Zejtun u bdew jaghmlu osservazzjonijiet sabiex jaraw jekk kienx ikun hemm xi hadd u jigi sabiex juza. Waqt li huwa kien qiegħed madwar hamsin metru 'l boghod minn din il-vettura gie infurmat li kienet gejja persuna fid-direzzjoni taghhom u nizel hdejn l-ghelieqi. Xi hin wara induna li kien hemm duhhan hiereg mill-vettura li kienu ghassa ghalija. Huwa ra persuna b'gakketta sewda izda ma rax il-persuna niezel 'l isfel izda ma kienx ra wiccu. Nfurma lil kollegi tieghu sabiex jarrestaw lil din il-persuna. Minn naha taghhom marru jhabbtu l-bibien tan-nies sabiex inehhu l-vetturi taghhom minn hemm minhabba l-hruq. Il-girien

qalulu li persuna maghrufa bhala t-tifel tal-hanut tax-xorb kien qieghed jaghmel uzu minn din il-vettura.

**PC 501 Duncan Dimech** qal li kien flimkien mas-surgent tieghu sabiex jaghmlu osservazzjonijiet fuq vettura minhabba li kienet intuzat f'diveri serqiet. Fil-hin li lemhu persuna suspettuza riesqa kienet l-istess wahda li kellhom ritratt taghha minhabba li setghet kienet involuta fis-serq. Wara li hadet il-vettura n-nar marru jhabbtu l-bibien tan-nies halli jnehhu l-vetturi taghhom. Dak il-hin ma kienx hemm aktar nies fl-akwati. Huwa kellu r-ritratt tas-suspettat u kien jaf li l-pjanci li kellha l-vettura kienu misruqa.

**PS 90 Jeffrey Gerada** kien assista l-ispettur Cordina minhabba serq li kien sehh bejn is-7 t'April u l-10 t'April bi vjolenza fuq anzjani. Kien irrizulta li vettura tal-ghamla Peugot 106 ta' lewn abjad bdiet tintuza ghal dawn is-serqiet. Wara li kienet instabet gewwa z-Zejtun bdew isiru osservazzjonijiet fuq l-istess vettura sabiex jaraw jekk xi hadd jgi sabiex juza. Waqt li huwa kien ghassa maghha hadd ma kien resaq lejha. Wara l-kollegi tieghu qalulu li l-imputat kien resaq lejn din il-vettura u rawh jahraq il-vettura. L-imputat gie arrestat u elevaw hwejjeg minn gewwa r-residenza tieghu kif ukoll nuccali, hoodie griza cara bil-linja u hoodie ohra sewda. Huwa kien ha lill-imputat fejn sehhet il-hruq tal-vettura u ha xi ritratti kemm tal-Peugot kif ukoll ta' vetturi ohrajn. L-imputat gie arrestat u gew murija ritratti fejn vittma minnhom certu Carmel Attard kif ukoll Josephine Attard kienu gharfu lill-imputat. L-istess ghamlet Theresa Gauci li gharfet l-imputat mir-ritratti li gew murija lilha. Kompla jghid li meta kien sejjer jitressaq il-Qorti kien qallhom li ma kienx bniedem li jaghmel dawn l-affarijiet imma ghandu problema bid-droga. Giet esebita wkoll stqarrija li l-imputat kien irilaxxa fejn ukoll ghazel li ma jkunx assistit.

Xehed **Stephen Cachia** fejn esebixxa diversi dokumenti fuq min huma s-sidien ta' diversi vetturi.

**PC 1303 Brian Micallef** qal li kien flimkien mas-surgent PS 90 waqt li saret tfittxija fir-residenza tal-imputat u li minn hemm gew elevati diversi hwejjeg

li setghu gew uzati waqt serq. Semma wkoll li l-imputat qal li kien iddispjacieh u xtaq jaghmel programm minhabba l-vizzju tad-droga.

**Mark Laferla Junior** qal li kienet saret claim minhabba serq ta' vettura u wara nbidlet fuq claim ta' hruq ta' vettura. Din il-vettura kienet tal-ghamla Peugot bajda registrata duq Carmelo Abela li kellha numru ta' registrazzjoni AAL-828. Fil-fatt huma kien halsu sid il-vettura minhabba din il-claim.

**Carmel Abela** qal li huwa kien ghamel rapport wara li ma kienx sab il-vettura tieghu Peugot 106 bajda li kellha numru ta' registrazzjoni AAL-828. Huwa kien gie infurmat li l-vettura kienet instabet mahruqa.

**Carmel Cutajar** semma li huwa kellu vettura Subaru Vivio IBC 875 li kellha hsarat minhabba hruq. Huwa qatt ma kien ra lill-imputat juza il-vettura jew inkella jipparkja hdejh.

Xehed **Dr Noel Bianco** fejn qal li l-vetturi DAV 404 u DBU 901 ma kienux assigurati ma' Atlas Insurance.

**Tereza Gauci** waqt li kienet mixja rat vettura u x-xuffier kien libes nuccali tax-xemx u hoody waqt li hija kienet qeghda titkellem ma' persuna ohra. Fil-mument li hija kienet mixja regghet rat din il-vettura u f'xi hin gie ghal fuqha b'sahha u hataf il-baskett. Hija kienet gharfet in-numri BAT biss tal-imsemmija vettura li kienet bajda. Fil-ghaxija l-istess persuna beda jcempel lin-neputijiet tieghu u jkellimhom pastazz. Meta kienet gewwa d-depot kienu urewla diversi ritratti u ma kienet ghazlet lil hadd.

**Carmel Attard** qal li kien qieghed ibiegh il-haxix bil-vann tieghu meta xi hin giet Peugot Bajda ghal fuqhu u beda jitolbu xi frott. Kif mar igieb xi hxejjex ohra, din il-persuna hadet il-kexxun tal-flus li kellhu bl-ammont ta' 150 Euro. Ghalkemm prova jzommu, wara hallieh jitlaq. Huwa gharaf lill-imputat li kienet l-istess persuna li serqet il-kexxun tal-flus.

**Josephine Attard** qalet li filghodu kmieni kienet sejra l-quddies gewwa Hal Ghaxaq fejn waqt li kienet mixja hakket karrozza maghha u persuna hatfila l-portmoni li kellha. Hi rat li din il-vettura kienet bajda izda ma kenitx gharfet in-numri li kellha. Meta kienet gewwa l-ghassa kienu gew murija ritratti u

gharfet il-persuna li kien immarkat bin-numru 5. Ghalkemm meta murija dok JG 9 hija qalet li tahseb li kien hu. In kontro-ezami qalet li hija ma setghetx tgharfu ghax kellu barnuza. Hija tiftakar li kienet ghazlet in-numru 5 ghax qiesu gharfet il-persuna.

**Davina Sullivan** ikkonfermat li l-vettura IBC 875 hija assigurata ma' Thomas Smith Insurance u hija registrata fuq Carmelo Cutajar.

**Josephine Bonnici** qalet li kienet mixja filghodu  kmieni fejn lemhet karozza gejja minn wara u resaq vicin taghha u hareg idu u rasu mill-karozza u hataf il-basket. Hija kkonfermat li ma kenitx rat wicc is-sewwieq u lanqas gharfet il-persuna li kien qieghed gewwa l-Qorti. Bhala valur ta' oggetti u flus li gew misruqa ma kienx jaqbez il-mitt Euro. Hija kkonfermat li l-vettura li ntuzat kienet wahda bajda u rat li n-numru li kellha 606. Gara wkoll li din il-persuna kienet cemplet bil-mobile taghha li kien gie misruq lit-tfal.

**Daniela Gauci** qalet li ma kenitx gharfet il-persuna li kien hemm fil-Qorti. Ziedet tghid li omma kienet qaltilha li kienu serqula l-mobile u xi hadd kien uza l-mobile biex cempillha fuqhu imma ma kenitx taf min cempel minhabba li n-numru ma kienx jidher.

**Charmaine Turner** qalet li kienet taf x'gara lill-omma minhabba li kienu gew il-Pulizija fid-dar taghha. Hija kkonfermat li ma kenitx rat min kien il-persuna ghax hija ma kenitx m'omma dak il-hin. F'xi hin tard xi hadd beda jcempel fuq il-mobile taghha imma ma kenitx kelmitu.

**Antoinette Bonnici** kkonfermat li ma kenitx taf min kien l-imputat. Gara li xi hin filghodu xi hadd cempel fuq il-mobile taghha u beda jkellimha bi kliem oxxen. Hija tahseb li kien uza l-mobile tal-kunjata taghha ghax wara saret taf li xi hadd kien seraq il-mobile taghha.

**Marilyn Formosa** qalet li hija ufficjal tal-Probation u kienet kelmet lill-imputat. Dan ix-xhud kellu jara li jsegwieh minhabba hrug ta' ordni provizorja ta' supervizzjoni. Hija kienet irreferiet lill-imputat sabiex jattendi l-Agenzija Sedqa minhabba li ghandu problemi kbira bid-droga.

**Donna Mifsud** qalet li kienet ghamlet rapport minhabba li ma kenitx sabet wiehed minn number plate tal-karozza taghha. Din kienet BAT 606 li kienet fuq vettura Peugot 106.H

**Rita Zammit** qalet li waqt li hija kienet mixja fit-triq rassita karozza mal-hajt u l-persuna qabdet il-handbag minn wara u kaxkara ftit mal-karozza. Hija qalet li din il-vettura kienet Peugeot bajda izda ma kenitx rat in-numru taghha. Hija kellha ftit anqas minn mitt Euro fil-handbag u anki kisser il-mobile taghha. Hija ma kienetx rat min kien din il-persuna.

**Gianna Ellul** qalet li giet karozza ghal fuqha u rassa fejn beda jistaqsiha xi haga u fl-istess hin hareg idejh minn gewwa l-karozza. Dak il-hin hija kienet gewwa Hal Luqa fit-triq taghha u din il-vettura kienet bajda u kien dak il-hin li hataf il-portmoni li kellha. Hija m'gharfitx lill-imputat. Bhala flus kellha ferm anqas minn mitt Euro. Il-hin li kien gie ghal fuqha u seraq il-portmoni kien beda jisbah.

**Maria Borg** qalet li kienet mixja gewwa triq Guze D'Amato f'Rahal il-Gdid u giet hdejha karozza bajda u x-xufier li kien gewwa fiha hataf il-baskett li kellha f'idejha. Hija ma gharfet lil hadd.

**Antonia Gafa** qalet li waqt li kienet qeghda hdejn id-dar taghha giet karozza u waqfet u kif kienet se taqsam hareg idejh minn gewwa l-karozza u hataf il-portmoni li hija kellha. Jija ma kenitx gharfet din il-persuna. Hija kienet tat informazzjoni dwar in-numru tal-vettura lil pulizija. Kompli tghid li l-persuna ma kienx irnexxielu jiehu l-portmoni ghax gibdet idejha u waqa' fl-art. Kienet fil-fatt persuna ohra li gabret il-portmoni. Dak il-hin fil-portmoni taghha kellha aktar minn mitt Lira Maltin u cioe' aktar minn 232 Euro.

**Carmela Tabone** qalet li kienet gewwa Hal Tarxien u hasset lil xi hadd jigbed il-handbag taghha. Hija ma kenitx gharfet min kienet din il-persuna li hataf il-handbag taghha. Fil-pront rat vettura bajda tilwi ghal main road. Hija kellha madwar sittin Euro fih fi flus, kemm in-nuccali u c-cwievet tad-dar taghha. Hija kienet weghhet ukoll idejha fejn kienet damet xi tlett gimghat minhabba l-ugiegh.

**Maria Stella Vassallo** qalet li waqt li kienet gewwa l-Gudja fejn f'daqqa wahda hasset lil xi hadd jigbed il-basket u kif tgholli wiccha rat vettura wieqfa b'ragel gewwa fiha u hataf il-basket. Hija ma kenitx taf x'vettura kienet jew inkella l-kulur taghha. Hija ma gharfet lil hadd. Fil-basket kellha madwar tmenin Euro izda minhabba f'hekk hija sofriet griehi f'idejha minhabba li xaqqaq l-ghadma tant li anki kellha tmur ghat-terapija.

**Josephine Caruana** waqt li kienet gewwa l-Gudja waqfet karozza bajda u l-persuna li kien gewwa fiha kellu hood bajda go rasu u minn wara gibed il-basket. Hija ratu jitlaq jigri lejn il-vettura tieghu u ratu jirkeb. Hija kienet taf li din il-vettura kienet bajda.

**PS 15 Cyril Butters** kien ha rapport ta' certu Carmela Tabone li kienet spiccat vittma ta' snatch and grab gewwa Hal Tarxien. Kienet ghaddiet maghha vettura u hataf il-basket taghha. Hija pruvat tissielet mieghu. Hija kienet matrret gewwa l-polyclinic minhabba xi griehi u filghaxija giet l-ghassa minhabba li xi hadd kien cempel biex jinfurmahom li hemm il-mobile taghha gewwa l-Marsa. Xi oggetti kienu ingiebu fil-knisja ta' Rahal il-Gdid fejn kien hemm il-mobile, dokumenti u oggetti ohra. Ghalkemm kienu cemplu fuq in-numru tad-derubata min kien kellimhom l-ewwel darba ma kienx gie l-ghassa bihom. Meta pruvaw darb'ohra ma bediex jirrispondi t-telefonati.

**WPS 262 Diane Galea** kien dahal rapport minn ghand Rosette Bartolo li fid-9 t'April kienet sofriet serqa waqt li kienet miexja giet avvicinata minn persuna waqt li kien fil-karozza u hataf il-baskett taghha. Ghalkemm pruvat tirrezisti din spiccat mal-art u mkaxxkra. Hija kienet tat informazzjoni li din il-vettura kienet tal-ghamla bajda Peugot 106 u bin-numri 651.

**PS 1314 Raymond Ambrogio** fejn esebixxa okkorrenza dwar rapport li kien dahal maghmul minn Antonia Gafa dwar serqa. Skont ir-rapport li kien sar, il-vettura kellha numru BAT 606 u kienet vettura bajda.

**PS 285 Jeffrey Cutajar** esebixxa rapport li kien ha minn ghand Josephine Bonnici wara li hadd kien hataf il-handbag taghha. Il-vettura li ntuzat kienet wahda bajda.

**PS 1480 Sandro Mallia** qal li kien ha zewg rapporti fl-10 t'April 2015 ta' serq f'Hal Luqa li kienu ta' Ganna Ellul u Rita Zammit.

**WPS 7 Therese Cuschieri** hadet rapport fid-9 t'April minn ghand Mary Zammit Douglas fejn spiccat vittma ta' serq waqt li kienet gewwa l-Imqabba. Hija kienet giet infurmata mill-ghassa ta' Rahal il-Gdid li l-vettura kienet beige.

**WPS 219 Erika Abela** esebiet tlett rapport li jinsabu a fol 433 et seq.

**PS 1429 Eric Mangion** qal li f'April 2015 kienet giet gewwa l-ghassa taz-Zejtun certu Josephine Attard tirraporta serqa waqt li hija kienet gewwa Hal Ghaxaq. Huwa esebixxa r-rapport li kien hejja.

**Rosette Bartolo** kienet ghamlet rapport gewwa l-ghassa ta' Rahal il-Gdid li waqt li kienet mixja sabiex tmur tixtri u waqfet halli ccempel lir-ragel taghha, giet vettura li rassha u hataf il-handbag taghha bil-konsegwenza li kaxkara mal-art. Hija taf li kellha madwar 30 Euro u l-vettura kienet bajda. Hija ma kienet gharfet lil hadd. Il-mobile taghha ma kienx gie misruq. F'seduta ohra esebiet kopja ta' stima tal-valur tal-handbag dok RB1.

**Dr Ian Psaila** fejn ikkonferma li kien ezamina gewwa l-polyclinic ta' Rahal il-Gdid lil Carmela Tabone li kellha ugiegh fl-ispalla tax-xellug. Huwa kkonferma c-certifikat mediku li kien hareg (a fol 431).

**Dr Martina Aquilina** kienet ezaminat lil Rosette Bartolo nhar id-9 t'April 2015 fejn il-griehi li kellha kienu superficjali.

**Dr Maria Stella Caruana** kienet ezaminat lil Carmela Attard fil-15 t'April fejn kienet sabet li kellha ksur fl-ghadma tad-driegh ix-xellugija.

**PS 1227 Malcolm Pace** qal li kienet giet taghmel rapport l-ghassa Lucy Abela fl-10 t'April 2015 minhabba serqa li hija sofriet waqt li hija kienet mixja gewwa z-Zurrieq. Kienet resqet fuqha vettura bajda izda ma kenitx taf l-ghamla ta' dil-vettura. Kull ma qalet li din il-persuna kellha karnegonn samranija u kellu madwar 50 sena u li kien libes hood . hija kienet qalet li din il-persuna ried jiehu l-portmoni u jekk ma kienx sejjer jiehdu kien se jaghtiha daqqa ta' hadida li kellu fil-karozza.

**Karen Cremona** bhala rapprezentant ta' Transport Malta esebiet informazzjoni dwar il-vettura BAT 606 u li hija Peugeot 106 Bajda registrata fiq Donha Mifsud fejn wara inbidel in-numru taghha ghal BCE 296.

**l-Ispettur Spiridione Zammit** qal li huwa kien gie infurmat rigward diversi rapport ta' serq maghrufa bhala snatch and grab. Kienu dahlu hames rapporti ta' dan it-tip ta' serq bejn id-9 t'April u l-10 t'April 2015. Il-bicca kbira tar-rapporti kienu qalu li l-persuna involuta kien qieghed juza karozza bajda. Illi hadd minn dawn il-vittmi ma kienu semmew li kienu gharfu lil xi hadd. Illi jidher li wahda mill-vittmi kienet hadet in-numru tar-registrazzjoni ta' din il-vettura BAT 606. Kienu anki raw xi filmati sabiex jistabilixxu min seta' kien involut f'dan il-kaz izda ma kien hemm xejn utli li seta' jwassal ghal xi konkluzzjoni fuq il-kaz.

F'seduta ohra ix-xhud qal li kien dahal rapport li fid-9 t'April 2015 certu Rosette Bartolo ghamlet rapport li vettura bajda misjuqa minn ragel avvicina u hataf il-handbag bil-konsegwenza li kienet sofriet griehi meta waqghet mal-art. Kienu fil-fatt insterqula xi 30 Euro u VISA card li kellha. Kienet fil-fatt dahlet informazzjoni li n-numru tal-vettura li giet uzata kien 651. Huwa semma li fil-fatt kienu gew mghoddija filmati lilu mis-surgent u esebixxa kopji taghhom kif ukoll xi ritratti minnu. Dawn id-dokuemnti gew mahruga mill-Forensika.

**PS 90 Jeffrey Gerada** esebixxa filmat u ritratti wara rapport ta' serqa li kienet saret fl-10 t'April 2015.

**PS 1429 Eric Mangion** esebixxa rapport dok EM.

**PS 15 Cyril Butters** kien ircieva rapport minn ghand Carmela Tabone li kienet spiccat vittma ta' serq tat-tip snatch and grab. Kull ma semmiet li kienet intuzat karozza bajda. Bir-rizultat ta' din is-serqa hija kienet wegghet l-ispalla. Huwa kien gie infurmat li l-mobile taghha kien instab gewwa l-Marsa fuq ciont. Ghalkemm kien cempel fuq in-numru sabiex din il-persuna ggieb il-mobile li nstab baqa' qatt ma kien gie bih. Kien ukoll gie infurmat li d-dokumenti tad-derubata kienu gew ritornati ghax xi hadd kien hadhom

gewwa l-knisja hlief il-flus. Gew elevati xi filmati tas-CCTV sabiex jigu analizzati halli jaraw jekk jinstabx il-persuna involuta.

**Spettur Carlos Cordina** xehed fejn qal li huwa kien gie assenjat sabiex jinvestiga diversi kazijiet li kienu sehhew bejn is-7 t'April 2015 u l-11 t'April 2015. Illi li kien hemm komuni f'dawn is-serqiet kienet lki bdiet tintuza vettura bajda fejn persuna b'nuccali kbir u hoodie kien qieghed jaghmel serq minn fuq persuni femminili anzjani. Din il-vettura kellha numru ta' registrazzjoni misruq li kien BAT li x'aktarx kienet Peugeot 106. Wara xi zmien gie nnutat li din il-vettura giet misjuba fl-inhawi taz-Zejtun li kienet bin-numri BAT 606. Deher li n-numru ta' quddiem kien AAL 828 waqt li ta' wara kien BAT 606. Waqt li l-Pulizija kienu qeghdin jaghmlu osservazjonijiet raw persuna jersaq vicin din il-vettura u jitfa xi likwidu u raw fjamma. Dawn il-Pulizija kienu PC 1303 u PS 1066. Il-persuna harbet minn fuq il-post u l-pulizija grew warajh. Din il-persuna kienet l-imputat u ttiehdet stqarrija fejn huwa baqa' jinnega l-involviment tieghu.

Huwa kompla jghid li meta kienu qeghdin sejrin bih il-Qorti, l-imputat kien qallhom li kien iddispjacieh b'dak li ghamel. Gew elevati xi oggetti u esebieti. Gew esebieti wkoll tlett veri kopji ta' sentenzi kontra l-istess imputat.

Meta gie mistoqsi in kontro-ezami fuq il-kliem li skont hu qallu l-imputat, wera bic-car li meta bdew jitkelmu fuq dak li gara fuq l-anzjani, huwa fehem li kien iddispjacieh b'dak li ghamel. Ghalkemm kienu ghaddew diversi snin ma kienx jiftakar ezatt il-kliem li gie ntqal. Huwa fatt ukoll li ma ha ebda nota ta' dak li qal l-imputat fil-vettura u qatt ma qal xejn qabel din il-gurnata li huwa xehed. Il-kliem li qal ghalih kien ifisser li kien iddispjacut b'dak li ghamel.

**Ex PC 1303 Brian Micallef** qal li fil-prime noti tieghu kien kiteb li n-numru ta' registazzjoni tal-vettura kienu AAL 828 u ohra kienet BAT 606. Huwa qal li kien qieghed fil-vicinanzi tal-vettura jaghmlu osservazzjonijiet fejn lemah l-imputat Charles Farrugia ghaddej kellu xkora u recipjent go fiha. Huwa mexa ghad-direzzjoni tal-kollegi tieghi fejn infurmajthom li kien hemm din il-persuna riesqa hdejhom u ftit wara ra dahna izda huwa ma setax jara fejn

kienet din il-vettura. Kif nizel lejn l-ghelieqi lemah lil Charles Farrugia jigri u ftit wara gie arrestat.

Huwa xehed f'seduta ohra fejn ikkonferma li kien prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija.

**PS 15 Cyril Butters** ikkonferma x-xhieda tieghu li kien dwar filamt li kien esebixxa.

**PS 1480 Sandro Mallia** huwa kien ha zewg rapport ta' serq li kienu dahlu gewwa l-ghassa ta' Rahal il-Gdid. F'dawn ir-rapporti maghmula minn Rita Zammit u Jane Ellul kienu qalu li spiccaw vittmi ta' serq u f'dawn is-serqiet kienet intuzat vettura ta' lewn abjad. Kienu gew elevati filmati sabiex jigi stabbiliet min seta kien involut f'dawn is-serqiet.

**PS 637 Kevin Manicolo** kien gie mqabbad mill-ispettur Spiridione Zammit sabiex jiehu xi ritratti u esebixxa rapport dok AM 1a.

**WPC 339 Whitney Falzon Debono** qalet li kienet l-ghassa taz-Zurrieq fejn kienet marret gewwa Triq Cameron Ciantar sabiex televa xi filmati izda gara li ma kienux qeghdin jahdmu. Huma marru jaraw il-filmati minhabba l-fatt li seta' kien hemm persuna involuta f'serq ta' baskett.

**PS 1166 Luca Grasso** qal li huwa kien prezenti meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat fejn kien ukoll involut fl-arrest tal-imputat minn gewwa z-Zejtun. L-imputat kien haraq il-karozza u harab jigri fejn huwa mar warajh jigri fl-ghalqa. Huwa gharaf lill-imputat.

**PC 164 Mark Abdilla** kien ftakar li huwa kien ha rapport ta' serqa fuq mara anzjana gewwa l-Imqabba li waqt li kienet vicin il-bus stop kienet resqet persuna u hataf il-basket li kellha.

**PS 1429 Eric Mangion** kien ha rapport wara li mara hdejn il-knisja ta' Hal Ghaxaq kienet spiccat vittma ta' serq. Huwa kien investiga wkoll rapport li kien sehh gewwa l-Gudja sabiex jeleva xi filmati izda huwa xehed li ma kellux.

**Teresa Gauci** qalet li waqt li kienet gewwa z-Zurrieq kienet spiccat serqula l-basket. Hija ma kenitx gharfet lill-imputat.

**Karmenu Attard** qal li huwa kien qieghed ibiegh il-haxix meta xi hin gie fuqhu l-imputat li huwa gharaf u seraqlu l-kexxun bil-flus. Fil-fatt kienu insterqulu madwar 150 Euro.

**Antonia Gafa'** qalet li waqt li hija kienet diehla gewwa r-residenza taghha u ghaddiet karozza minn hdejha u l-persuna pruvat tiehu l-portmoni u rrezistiet u telaq jigri. Hija kellha l-handbag imdendel maghha u l-portmoni f'idha. Il-persuna ma hargietx minn gewwa l-vettura ghax dak il-hin hija hasbet li kien waqaf sabiex hija taqsam. Dak il-hin hija kienet gewwa Sta Lucia u hija ma kenitx gharfet lil hadd.

**Rita Zammit** qalet li kienet gewwa Hal Luqa resqet karozza maghha u rassa u gibed il-handbag li kellha u kaxkara ftit mieghu u ha l-mobile u kisser il-mobile li kellha. Hija kienet rat li l-vettura kienet bajda. Hija ma kenitx gharfet lill-imputat li kienet l-istess persuna li serqila l-handbag.

**PS 15 Cyril Butters** kien ha rapport ta' Carmela Tabone li kien gie persuna fuqha u hadilha l-baskett li kellha. Kien gie infurmat ukoll li xi hadd kien cempel bil-mobile taghha u li kien instab fuq cint gewwa lk-Marsa izda l-mobile baqa' ma giex lura. L-affarijiet kienu gew ritornati izda mhux il-flus. Huwa kien eleva xi filmat u li kienu gew esebieti qabel.

**Carmel Abela** kien irraporta li xi hadd kien seraqlu l-vettura tieghu u wara kien gie infurmat li din il-vettura giet misjuba mahruqa izda ma kienx jiftakar x'kien in-numru taghha.

**Antoiunette Bonnici** kienet ghamlet rapport ghan-nom tal-kunjata taghha Josephine Bonnici.

**Charmaine Turner** qalet li hija kienet prezenti meta omma Josephine Bonnici kienet ghamlet rapport.

**Daniela Gauci** ikkonfermat li kienet marret m'omma Josephine Bonnici li kienet ghamlet rapport.

F'seduta ohra ikkonfermat li kienet irceviet telefonati fejn min cempel kein qallhom kliem pastazz.

**WPS 262 Diane Galea** kienet hadet rapport minn ghand Rosette Bartolo minhabba li hija kienet mixja gewwa Rahal l-Gdid u resqet fuqha vettura bajda u hatfila l-basket bil-konsegwenza li hija kienet spiccat mal-art. Informazzjoni li dahlet uriet li l-vettura kienet bajda tat-tip Peugeot 106 bajda bin-numri 651.

**PS 1480 Sandro Mallia** qal li huwa kien gie infurmat li minn gewwa Hal Luqa kienu sehhew zewgt serqiet snatch and grab. Kienu dahlu diversi rapporti ohrajn ta' kazijiet simili ta' serq. Huwa kien eleva filmat sabiex jigi stabbiliet min seta' kien involut f'dan il-kaz.

**WPS 7 Therese Farrugia** kienet ordnat sabiex pulizja jmorru jelevaw xi filmati minhabba rapport li kien sar ta' serqa li kien sehh fiz-Zurrieq.

**Mary Zammit Douglas** kienet ghamlet rapport fis-sena 2015 minhabba serqa li hija sofriet. Persuna kien ta daqqa f'wiccha u hataf il-basket li kellha.

**Mary Borg** qalet li hija kienet ghamlet rapport gewwa l-ghassa ta' Rahal il-Gdid u persuna li kien gewwa l-vettura hareg idejh u hataf il-baskett li kellha. Hija rat li kien libes hood izda ma kenitx rat wiccu. Il-vettura kienet cream bhala kulur izda kienet mahmuga u bdiet idahhan.

**Mary Zammit Douglas** qalet li hija kienet hierga ghax-xoghol filghodu kmieni u waqt li kienet hdejn il-bus stop gewwa l-Imqabba u rat persuna jigri u gie fuqha u qallha bongu. Dak il-hin ta daqqa fuq wiccha u hataf il-basket. Hija marret tigri warajh u dahal fil-karozza li kienet mixghula. Hija qalet li l-vettura kienet kafelatte izda ma kenitx gharfet lil hadd. Hija qalet li kull ma kellha xi ghaxar Euro u l-mobile li kien ha din il-persuna. F'seduta ohra esebiet ukoll stima tal-mobile li lilha kien gie misruq dok MZD1.

**Daniel Camilleri** xehed u qal li kien sab xi dokumenti mal-art u ghaddiehom l-imghallem tieghu fejn wara gew mghoddija lil Pulizija.

**Lucy Abela** qalet li giet hdejja karozza bajda u x-xufier staqsieha ghal direzzjoni. Waqt li hija bdiet tispjegalu hareg idejh mill-karozza u prova jiehu l-portmoni. Minhabba li hadet skoss lura, waqghet fuq il-genb. Huwa beda jhedded li jekk ma kienx se taghtih il-portmoni kien se jaghtiha daqqa ta'

hadida. Huwa ma rnexxielux jiehu l-portmoni. Hija tikkalkula li kellha madwar mitt Euro.

**Spettur Hubert Cini** qal li fis-7 t'April 2015 giet Carmela Tabone taghmel rapport li waqt li hija kienet ghaddejja gewwa Hal Tarxien ghaddiet vettura minn maghha u x-xufier hareg idejh mit-tieqa u hatfilha l-basket. Fih kien hemm mobile phone xi sittin Euro, cwievet u nuccali tax-xemx. Wara irrizulta li hija kellha xi ksur f'idejha u dan anki kien inhareg certifikat mediku minn Dr Maria Stella Caruana.

**Stephen Conti** qal li n-numru ta' registazzjoni DBV 901 huwa ta' mutur Kimko Agility u assigurat ma' Atlas Insurance u registrat fuq Sandro Borg. Kien xehed ukoll sid il-mutur **Sandro Borg** rigward il-fatt li kellu l-mutur ipparkjat izda ma kienx garrab hsarat.

**Leonard Seisun** qal li VW Polo bin-numru DAU 404 kien irraporta li kienet giet misruqa. Din kienet ilha hemm ipparkjata madwar sitt xhur u din ma kellhix licenza u giet mitluqa fit-triq.

**Dr Tania Mizzi** ikkonfermat li Rita Zammit kienet attendiet gewwa c-Centru tas-Sahha il-Furjana.

**Helenio Galea** huwa esebixxa file relattiv maghmul minn disa' dokumenti fuq kazijiet li kellu l-imputat (ara dok HG 1).

**Eunice Grech Fiorini** esebiet kopja tal-bail condiotions (dok EGF1).

**Ikkunsidrat**

**Fatti tal-Kaz**

Illi f'dan il-kaz il-Pulizija kienet qeghda tinvestiga diversi kazijiet ta' serq fuq persuni li l-bicca kbira minnhom kienu anzjani. Illi mill-investigazzjoni tal-Pulizija hareg li vettura tal-ghamla Peugoet 106 ta' lewn abjad kienet qeghda tintuza sabiex jigu kommessi dawn ir-reati. Illi wara li saru osservazzjonijiet sabiex tinstab din il-vettura minhabba li l-bicca kbira ta' dawn ir-reati sehhew fin-naha t'isfel ta' Malta, gie nnotat li kien hemm vettura ipparkjata gewwa z-Zejtun li x'aktarx hija l-istess wahda li bdiet tintuza sabiex jigu kommessi

dawn ir-reati. Illi mill-indagini taghhom hareg li kien hemm suspett fuq l-imputat li seta' kien involut f'dawn i-reati. Illi ghalhekk il-Pulizija hallew din il-vettura fuq il-post u bdew jaghmlu l-ghassa maghha sabiex jaraw jekk xi hadd kienx javvicina din il-vettura u jaghmel uzu minnha. Illi Pulizija li kienu qeghdin ghassa fil-vicinanzi nnutaw li kien gej l-imputat fid-direzzjoni ta' fejn kien hemm il-vettura u kellu xi xkora f'idejh. Illi ftit wara grupp ta' Pulizija ohra li kienu vicin il-vettura raw li din il-vettura tiehu n-nar u l-imputat jigri lejn l-ghelieqi. Illi minhabba f'hekk huwa kien gie arrestat u investigat fuq il-hruq tal-vettura u fuq serq.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat gie adebitat b'diversi reati li fost il-bicca l-kbira taghhom huma ta' serq. Illi ghalhekk din il-Qorti qabel tara jekk l-imputat ghandux jinstab hati jew le, trid tifli l-provi kollha li ghandha quddiema.

Illi ghalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konkluzjoni jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal li kien l-imputat jew le taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least*

*probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tifli wkoll provi ohrajn sabiex tkun tista' tasal ghal konkluzjoni. Illi ghalhekk mill-fatti u x-xhieda li ghandha quddiema din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx il-persuni involut f'dan il-kaz. Illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci.

Kif gie deciz fl-ismijiet r-**Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz **Pulizija vs James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada** datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz, ghalkemm l-imputat kien gie interogat ma kienx ammetta l-involviment tieghu. Illi ladarba l-provi mresqa huma xhieda okkulari, l-Qorti trid tifli dak li qalu dwar l-involviment dirett tal-imputat fil-kaz in kwistjoni.

Illi l-Qorti tara li l-akkuzi jistghu jinqasmu f'diversi kategoriji ghalkemm huwa manifest li hemm hafna akkuzi kontra l-imputat. Illi f'dan il-kaz ghandek kategorija ta' serq ta' vettura, kategorija ta' hsarat volontarji fuq diversi vetturi, serq fuq diversi persuni u akkuzi ohra varji bhal uzu ta' mezzi ta' telekommunikazzjoni, reat fuq pulizija, fuq sewqan. Illi ghalhekk huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aqwa prova sabiex l-imputat jinstab hati

taht kull kategorija hawn fuq imsemmija. Illi barra minn kwalunkwe prova ohra, l-Qorti sejra taghmel referenza ghal kwistjoni tal-preskrizzjoni.

**Preskrizzjoni**

Illi wkoll din il-Qorti trid tara l-kwistjoni tal-preskrizzjoni kemm ghal fatt li dan il-kaz gara li fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018, regghu inqraw l-akkuzi fil-konfront tal-imputat u ghalhekk jista' jkun hemm kwistjoni li certi reati huma preskritti. Illi jinghad ai termini tal-artikolu 694 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> *"Il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti ex officio, u l-imputat jew akkużat ma jistax jirrinunzja għaliha."*

Illi l-artikolu 688 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka z-zmien ta' kemm ikun ghadda sabiex reati kriminali jaqghu bl-applikazzjoni tal-preskrizzjoni. Illi ghalhekk tajjeb li jinghad li l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni hija *ex officio* u ghalhekk il-Qorti trid tara mill-akkuzi dedotti kontra l-imputat humiex affetwati bil-preskrizzjoni. Illi ghandu jinghad li l-imputat ghandu diversi akkuzi fil-konfront tieghu u ghalhekk din il-Qorti sejra qabel tidhol fil-mertu dwar sejbien ta' htija jew le, jekk hemmx akkuzi li huma preskritti. Dak li din il-Qorti issa jehtieg li tezamina hu jekk fil-fatt kienx hemm it-trapass ta' dan il-perjodu mill-kummissjoni tal-reati sakemm tressaq biex iwiegeb ghalihom. Illi skont l-akkuzi mahruga kontra l-imputat sehhew fil-perijodu bejn l-4 t'April 2015 sal-ahhar kaz tal-10 t'April bil-fatt ukoll li huwa addebitat b'reat kontinwat.

**Mertu tal-Kaz**

Illi sabiex l-imputat jinstab hati dwar ir-reati irid ikun hemm in-ness bejn dak li gara u cioe' l-uzu tal-vettura in kwistjoni kif ukoll li kien hu fil-mument li sehhew dawn ir-reati kien qieghed isuqha.

L-akkuzi numru 1 sa 3 u 5 sa 7.

*Il-Hruq tal-vettura, hsara u hsarat fuq vetturi ohra*

Illi kif inghad il-vettura li kienet suspettata li giet uzata ghas-serq fuq diversi persuni giet innotata li kienet ipparkjata gewwa z-Zejtun. Il-Pulizija ghamlu osservazzjonijiet maghha sabiex jaraw jekk xi hadd javvicinax din il-vettura u jaghmel uzu minnha. Gara li grupp ta' Pulizija li kienu ftit il' boghod mill-vettura lemhu persuna li kien l-imputat riesaq fid-direzzjoni taghha fejn infurmaw il-kollegi taghhom dwar din il-persuna. Ftit wara gew infurmati li il-vettura hadet in-nar u persuna tahrab lejn l-ghelieqi u wara giet arrestata.

Illi l-unika xhieda li jistghu jaghtu hjiel ta' x'seta gara huma l-istess pulizija li kienu fuq il-post. Illi minn ezami akkurat ta' l-istess xhieda ta' PC 1303 Brian Micallef meta xehed fis-seduta tat-22 t'April 2015 semma biss li kien ra lill-imputat miexi u kellu xkora. Kien informa lil kollegi tieghu dwar l-imputat u ftit wara kompla jghid li ra dahna u lill-imputat gej jigri fuqu fl-ghalqa fejn il-kollega tieghu mar jigri warajh u hu mar bil-karozza sabiex imur post iehor. Fil-mument ta' l-arrest l-imputat ma kellux xkora f'idejh. Illi ghalhekk minn dan ix-xhud ma hareg xejn li kien ra lill-imputat jaghti n-nar il-vettura. Huwa qal li kien ma' PC 1166 Luca Grasso fil-hin li huma kienu qeghdin jaghmlu osservazzjonijiet maghha fejn ikkonferma li kien ra lill-imputat izda wara li kien ghadda minn hdejhom ma kienx rah aktar u kien gie infurmat mill-kollegi taghhom biex jigu assistiti. Illi l-imputat kien gie arrestat minn gewwa ghalqa ftit il' boghod minn fejn kienu. Illi wkoll dan ix-xhud ma ta ebda indikazzjoni li kien ra lill-imputat jahraq l-istess vettura. Huwa zied jghid li meta kien gie arrestat l-imputat kellu riha qawwija ta' petrol fuq il-hwejjeg.

Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015 xehed PS 1152 Emanuel Saliba fejn qal li kien qieghed jaghmel osservazzjonijiet ma' vettura tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni AAL-828 gewwa Triq il-Labour fiz-Zejtun li kienu xi hamsin metru 'l boghod minnhom. Wara xi hin li kienu hemm fuq il-post gew infurmati mill-kollegi taghhom li kienet riesqa persuna suspettata lejn id-direzzjoni taghhom. Xi ghaxar minuti wara qal dan il-kliem ezatt (a fol 71) – '*Ahna hadna nota, u xi ghaxar (10) minuti wara, xi sebgha neqsin ghoxrin (06:40) innutajna duhhan hiereg mill-vettura.*' Illi f'ebda hin ma' qal li rah jaghti n-nar lil din il-vettura izda biss rah jigri lejn l-ghelieqi u infurma lil shabu sabiex jarrestaw lil din il-persuna. Kompla jghid li minn investigazjzoni mal-

girien hareg li din il-vettura li nghatat in-nar kien jaghmel uzu minnha certu tifel tal-Lorry tax-Xorb. Mas-surgent tal-Pulizija kien hemm ukoll mieghu PC 501 Duncan Dimech fejn qal fl-istess seduta li kien ghassa mas-surgent ma' din il-vettura fejn l-istess a fol 78 qal hekk ' *u mbghad wara li qabdet il-vettura, ahna hrigna nigru minn gol-vettura taghna'.* Illi huwa fl-ebda hin ma qal li kien ra lill-imputat jahraq il-vettura izda a fol 80 qal li ma kien hemm ebda persuni ohra fuq il-post.

Ghalkemm l-istess PC 1303 Brian Micallef meta rega xehed fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2015 qal li meta kienu sejrin il-Qorti bl-imputat qallhom li kien dispjacut b'dak li kien ghamel u anki xtaq jaghmel programm minhabba l-vizzju tad-droga li ghandu.

Illi din il-Qorti ezaminat ukoll il-*process verbal* fejn kienet giet esebita r-relazzjoni tal-espert forensiku Prof Alfred J. Vella li tinsab a fol 468 tal-process. Illi huwa kien gie mahtur sabiex jirralata dwar hruq ta' vettura tal-marka Peugeot 106 u anki jiehu xhieda. Huwa wkoll ghamel analizi ta' esebiti moghtija lilu mis-scene of crime officers. Huwa ghamel dawn l-analizi fuq hwejjeg mehuda minn fuq il-persuna ta' Charles Farrugia u cioe' l-imputat. Illi mir-rizultati li huwa hareg, ma kienx hemm tracci ta' fjuwil li jinsab fil-kummerc fil-hand swabs. L-istess inghad fl-analizi tal-hwejjeg tal-istess imputat kif ukoll fuq ir-running shoes li gie analizzat. Illi minn dawn ir-rizultati jaghtu stampa differenti minn dak li qal l-istess PC 1166 li l-imputat kellu riha qawwija ta' fjuwil fuqhu.

Illi mill-assjem tal-provi li ghandha quddiema din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat kienet il-persuna li haraq il-vettura. Dan qieghed jinghad li hadd mill-Pulizija ma rawh jahraq il-vettura fejn anki l-ezamijiet forensici fuq il-hwejjeg tal-imputat ma rrizulta li kien hemm xi tracci ta' fjuwill. Illi ghalkemm il-hruq tal-vettura kien wiehed doluz ma hemmx ness dirett li jorbot lill-imputat mal-hruq tal-vettura. Illi l-fatt min-naha l-ohra li skont il-Pulizija l-imputat kien l-unika persuna fuq il-post lanqas ma huwa fatt li kien l-imputat li ta n-nar din i-vettura specjalment meta hadd ma rah. Huwa fatt li gie arrestat fil-vicinanzi izda hadd ma semma jekk kienx ghamel tfittxija fuq il-post sabiex jinstabu oggetti relatati mal-imputat specjalment

meta intqal li kellu xkora f'idu u ma nstabitx. Illi din il-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz ma tistax tasal ghal konkluzzjoni li kien l-imputat li haraq din i-vettura u b'hekk ikkaguna l-hsarat kemm fuq l-istess vettura u fuq ohrajn li kienu ipparkjati fil-vicinanzi.

*Serq tal-Vettura*

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll kemm bis-serq tal-vettura Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni AAL 828 kif ukoll tarka ta' registrazzjoni bin-numru BAT 606. Illi hawnhekk ukoll il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq xi prova dwar l-involviment tal-istess imputat li kien huwa li seraq din il-vettura kif ukoll il-pjanca bin-numru ta' registrazzjoni BAT 606. Illi huwa stat ta' fatt li din i-vettura giet misruqa lil sidha izda ma kien hemm ebda prova li tista' twassal li kien l-imputat li seraq kemm il-vettura kif ukoll il-pjanca.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tasal konklużjoni li l-imputat ghandu jinstab hati fuq dawn l-akkuzi miġjuba kontra tieghu.

L-akkuza numru 4 u 8

Illi l-akkuza numru 4 taghmel referenza ghall-fatt li l-imputat saq vettura tal-ghamla u marka Peugeot 106 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Illi mill-assjem tal-provi ma kienx hemm prova li l-imputat li saq din il-vettura. Illi huwa verosimili li vettura ta' din l-ghamla ġiet użata sabiex jitwettqu d-diversi reati però ma kien hemm ebda prova cara li tista twassal lil din il-Qorti li tikkonkludi li kien l-imputat li qieghed jaghmel uzu minnha. Illi ghalhekk ma tistax issib htija fuq din l-akkuza.

Illi wkoll ghandu jinghad fuq l-akkuza numru 8 u cioe' fuq is-serq tal-pjanca bin-numru ta' reġistrazzjoni BAT 606, u ghalkemm huwa car li din ġiet misruqa u tpoġġiet ma' vettura ohra, però n-ness bejn is-serqa u l-imputat ma ġiex pruvat u ghalhekk anki hawn qieghda tillibera lill-imputat minn tali akkuża.

*Serq minn fuq il-Persuni*

Illi l-imputat huwa akkuzat fost reati ohra b'diversi atti ta' serq fuq persuni anzjani minn dawk maghrufa bhala *snatch and grab* bejn il-perijodu tas-7

t'April u l-10 t'April 2015. Illi ghandu jinghad li ghalkemm l-imputat kien tressaq fis-sena 2015, gara li fis-sena 2018 regghu inqraw l-akkuzi fil-konfront tieghu u ghalhekk jista' jkun li jkun hemm reati li huwa akkuzat bihom li jkunu preskritti. Illi qabel din il-Qorti sejra tidhol fil-kwistjoni tal-preskrizzjoni sejra tghaddi sabiex tara mill-akkuzi ta' serq li huwa adebitat bihom l-imputat jistax jinstab hati taghhom jew le. Jekk ikun il-kaz li hemm xi htija, wara tara jekk fil-fatt jirrizultax li huma preskritti.

a) Akkuzi numru 9 u 10 – serq fuq il-persuna ta' Carmela Tabone

Carmela Tabone qalet li kienet gewwa Hal Tarxien u hasset lil xi hadd jigbed il-handbag taghha. Hija ma kenitx gharfet min kienet din il-persuna li hataf il-handbag taghha. Fil-pront rat vettura bajda tilwi ghal main road. Hija kellha madwar sittin Euro fih fi flus, kemm in-nuccali u c-cwievet tad-dar taghha. Hija kienet wegghet ukoll idejha fejn kienet damet xi tlett gimghat minhabba l-ugiegh. Illi minn dawn il-fatti ma juru xejn li kien l-imputat li kkommetta din is-serqa u ghalhekk ma tistax tinstab htija fuq dawn l-akkuzi.

b) Akkuza numru 11 – serq minn fuq il-persuna ta' Antonia Gafa

Antonia Gafa qalet li waqt li kienet qeghda hdejn id-dar taghha giet karozza u waqfet u kif kienet se taqsam hareg idejh minn gewwa l-karozza u hataf il-portmoni li hija kellha. Hija ma kenitx gharfet din il-persuna. Hija kienet tat informazzjoni dwar in-numru tal-vettura lil pulizija. Tkompli tghid li l-persuna ma kienx irnexxielu jiehu l-portmoni ghax gibdet idejha u waqa' fl-art. Kienet fil-fatt persuna ohra li gabret il-portmoni. Dak il-hin fil-portmoni taghha kellha aktar minn mitt Lira Maltin u cioe' aktar minn 232 Euro. Illi anki hawn hija ma tatx informazzjoni li kien l-imputat li prova jisraqha.

c) Akkuza numru 12 – serq minn fuq il-persuna ta' Mary Zammit

Mary Zammit Douglas qalet li hija kienet hierga ghax-xoghol filghodu kmieni u waqt li kienet hdejn il-bus stop gewwa l-Imqabba, rat persuna jigri u gie fuqha u qallha bongu. Dak il-hin ta daqqa fuq wiccha u hataf il-basket. Hija marret tigri warajh u dahal fil-karozza li kienet mixghula. Hija qalet li l-vettura kienet kafelatte izda ma kenitx gharfet lil hadd. Hija qalet li kull ma kellha xi ghaxar Euro u l-mobile li kien ha din il-persuna. F'seduta ohra esebiet ukoll

stima tal-mobile li lilha kien gie misruq dok MZD1. Illi anki hawn ma ngiebet ebda prova li tpoggi lill-imputat bhala l-persuna li wettaq dan ir-reat.

d) Akkuzi numru 13 u 14 – serq minn fuq il-persuna ta' Rosette Bartolo

Rosette Bartolo kienet ghamlet rapport gewwa l-ghassa ta' Rahal il-Gdid li waqt li kienet mixja sabiex tmur tixtri u waqfet halli ccempel lir-ragel taghha, giet vettura li rassha u hataf il-handbag taghha bil-konsegwenza li kaxkara mal-art. Hija taf li kellha madwar 30 Euro u l-vettura kienet bajda. Hija ma kienet gharfet lil hadd. Il-mobile taghha ma kienx gie misruq. F'seduta ohra esebiet kopja ta' stima tal-valur tal-handbag dok RB1. Illi wkoll jinghad li ma ngiebet ebda prova li kien l-istess imputat li wettaq dan id-delitt.

e) Akkuza numru 15 – serq minn fuq il-persuna ta' Tereza Gauci

Illi f'dan il-kaz PS 90 meta kien ta x-xhieda tieghu kien qal li Tereza Gauci kienet gharfet lill-imputat mir-ritratti li kienu gew murija lilhom. Illi pero' ghandu jinghad li dan il-fatt ma giex stabbiliet mill-istess xhieda ta' Teresa Gauci tant li meta xehdet f'dawn il-proceduri ma kenitx gharfet lill-imputat. Illi ghalhekk anki hawn ma jirrizulta minn ebda prova li kien l-istess imputat involut f'din is-serqa.

f) Akkuza numru 16 – serq minn fuq il-persuna ta' Maria Borg minn Rahal l-Gdid

Maria Borg qalet li kienet mixja gewwa triq Guze D'Amato f'Rahal il-Gdid u giet hdejha karozza bajda u x-xufier li kien gewwa fiha hataf il-baskett li kellha f'idejha. Hija ma kienet gharfet lil hadd. Illi l-istess bhal kazijiet ta' qabel ma kienx hemm prova li l-imputat kien hu li wettaq dan ir-reat.

g) Akkuza numru 17 – Serq minn fuq il-persuna ta' Maria Borg minn Hal Luqa

Illi mill-atti ma jirrizultax li telghat tixhed persuna bl-isem ta' Maria Borg li sefget vittma ta' serq minn gewwa Hal Luqa u ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-akkuza.

h) Akkuza numru 18 – Serq minn fuq il-persuna ta' Maria Stella Vassallo

Maria Stella Vassallo qalet li waqt li kienet gewwa l-Gudja fejn f'daqqa wahda hasset lil xi hadd jigbed il-basket u kif tgholli wiccha rat vettura wieqfa b'ragel gewwa fiha u hataf il-basket. Hija ma kenitx taf x'vettura kienet jew inkella l-kulur taghha. Hija ma gharfet lil hadd. Fil-basket kellha madwar tmenin Euro izda minhabba f'hekk hija sofriet griehi f'idejha minhabba li xaqqaq l-ghadma tant li anki kellha tmur ghat-terapija. Illi wkoll hawn ma tresqet l-ebda prova li tindika li kien l-imputat meta fl-istess xhieda taghha qalet li ma kienet gharfet lil hadd.

i) Akkuza numru 19 – serq minn fuq il-persuna ta' Josephine Bonnici

Josephine Bonnici qalet li kienet mixja filghodu kmieni fejn lemhet karozza gejja minn wara u resqet vicin taghha u l-persuna hareg idu u rasu mill-karozza u hataf il-basket. Hija kkonfermat li ma kenitx rat wicc is-sewwieq u lanqas gharfet il-persuna li kien qieghed gewwa l-Qorti. Bhala valur ta' oggetti u flus li gew misruqa ma kienx jaqbez il-mitt Euro. Hija kkonfermat li l-vettura li ntuzat kienet wahda bajda u rat li n-numru li kellha 606. Gara wkoll li din il-persuna kienet cemplet bil-mobile taghha li kien gie misruq lit-tfal. Illi anki hawn ma tresqet l-ebda prova li kien l-istess imputat.

j) Akkuza numru 20 – serq minn fuq il-persuna ta' Josephine Caruana

Josephine Caruana waqt li kienet gewwa l-Gudja waqfet karozza bajda u l-persuna li kien gewwa fiha kellu hood bajda go rasu u minn wara gibed il-basket. Hija ratu jitlaq jigri lejn il-vettura tieghu u ratu jirkeb. Hija kienet taf li din il-vettura kienet bajda. Illi ma ngiebet ebda prova ohra li twassal li kien l-imputat f'din i-vettura.

k) Akkuza numru 21 – serq minn fuq il-persuna ta' Josephine Attard

Josephine Attard qalet li filghodu kmieni kienet sejra l-quddies gewwa Hal Ghaxaq fejn waqt li kienet mixja hakket karrozza maghha u persuna hatfila l-portmoni li kellha. Hi rat li din il-vettura kienet bajda izda ma kenitx gharfet in-numri li kellha. Meta kienet gewwa l-ghassa kienu gew murija ritratti u gharfet il-persuna li kien immarkat bin-numru 5. Ghalkemm meta murija dok JG 9 hija qalet li tahseb li kien hu. In kontro-ezami qalet li hija ma setghetx tgharfu ghax kellu barnuza. Hija tiftakar li kienet ghazlet in-numru 5 ghax

qiesu gharfet il-persuna. Illi ghalkemm f'dawn ic-cirkostanzi dan ix-xhud qalet li kienet ghazlet in-numru hamsa ma jistax jinghad b'certezza li kien l-imputat li kien wettaq dan ir-reat fuq il-persuna taghha.

l) Akkuza numru 22 – serq minn fuq il-persuna ta' Ganna Ellul

Gianna Ellul qalet li giet karozza ghal fuqha u rassa fejn beda jistaqsiha xi haga u fl-istess hin hareg idejh minn gewwa l-karozza. Dak il-hin hija kienet gewwa Hal Luqa fit-triq taghha u din il-vettura kienet bajda u kien dak il-hin li hataf il-portmoni li kellha. Hija m'gharfitx lill-imputat. Bhala flus kellha ferm anqas minn mitt Euro. Il-hin li kien gie ghal fuqha u seraq il-portmoni kien beda jisbah. Illi hawnhekk ukoll ma kien hemm ebda prova dwar l-involviment tal-istess imputat.

m) Akkuza numru 23 u 24 – Serq minn fuq il-persuna ta' Lucy Abela

Lucy Abela qalet li giet hdejja karozza bajda u x-xufier staqsieha ghal direzzjoni. Waqt li hija bdiet tispjegalu hareg idejh mill-karozza u prova jiehu l-portmoni. Minhabba li hadet skoss lura, waqghet fuq il-genb. Huwa beda jhedded li jekk ma kienx se taghtih il-portmoni kien se jaghtiha daqqa ta' hadida. Huwa ma rnexxielux jiehu l-portmoni. Hija tikkalkula li kellha madwar mitt Euro. Illi mill-istess provi ma wassal minn imkien li kien l-imputat involut f'dan il-kaz.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Carmel Attard fejn kien spiċċa wkoll vittma ta' serq iżda f'dan il-kaz il-Pulizija naqsu milli jixlu lill-imputat fuq din is-serqa u ghalhekk ma tistax issib htija fuq dak li qal il-vittma.

*L-akkuzi bil-mezzi ta' telekomunikazzjoni taht il-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta*

Illi l-akkuzi li huma minn numru 25 u 26 jaghmlu referenza ghal dak li hemm fil-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi hareg li xi persuna bdiet taghmel uzu b'mobile li kien gie misruq. Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri ma tressaq ebda *service provider* sabiex jaghti informazzjoni li kien hemm xi numru partikolari li beda jintuza u li kien fil-pussess tal-imputat. Illi anki hawn din il-Qorti ghandha problema sabiex tasal li ssib htija ghal li qieghed jigi akkuzat bih l-imputat u ghalhekk qeghda tilliberah minn din l-akkuza.

Illi l-akkuzi numru 27 u 28 huma relatati mal-kwistjoni tal-uzu tal-mobile. Illi Daniela Bonnici meta xehedet f'ebda hin ma qalet li kien l-imputat li cempel fuq il-mobile taghha u ghalhekk zgur din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li kien hemm xi fastidju jew xi biza ghal dak li hemm fl-artikoli 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta min-naha tal-imputat.

*L-akkuzi fil-konfront ta' reati li ghandhom x'jaqsmu mal-Pulizija*

Illi qabel kollox il-Qorti sejra issa taghmel referenza ghal kwistjoni tal-akkuzi numru 31, 32, 33, 34 u 35 li huma kollha kontravenzjonijiet, huma ghal kollox preskritti tenut kont tal-fatt li fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018, regghu inqraw l-akkuzi fil-konfront tal-imputa u ghalhekk qieghed jigi lliberat minnhom.

*L-akkuza numru 29 – Reat taht l-artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

L-artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza ghal dan u cioe':

> ***151.*** *Kull ikkundannat u kull priġunier ieħor li jinsab ħati ta' ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel il-piena ta' priġunerija….*
>
> *F'dan l-artikolu "priġunier" tfisser kull persuna li tkun miżmuma f'ħabs u tinkludi priġunier filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għal ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f'xi sptar.*

Illi jibda biex jinghad li f'ebda cirkostanza tal-kaz u waqt dawn il-proceduri gie muri li huwa harab mill-kustodja meta huwa kien gie ikkundannat jew inkella li kien prigunier. Illi huwa fatt li l-Pulizija skont ix-xhieda taghhom grew warajh izda f'ebda mument huwa kien dak il-hin persuna li harbet ghax kienet prigunier jew inkella li kienet ikkundannata u harbet waqt li kienet fil-kustodja tal-awtorita. Illi ghalhekk anki hawn il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq dik il-prova sabiex tissostanzja l-akkuza fil-konfront tal-imputat.

L-akkuza numru 30 – L-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza ghal dan li gej

> *Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f 'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).*

Illi mix-xhieda li taw PC 1303 Brian Micallef u PC 1166 jista' jaghti lok ghal din l-akkuza partikolari fil-konfront tal-imputat. Illi mix-xhieda taghhom hareg li qalu hekk

**PC 1303 Brian Micallef** qal li fil-11 t'April kien mar flimkien ma' PC 1166 sabiex imorru jassistu kollegi ohra taghhom gewwa Vjal il-Haddiem fiz-Zejtun. Huwa kien mar minhabba li kienu qeghdin josservaw vettura tal-ghamla Peugeot 106 li kellha zewg numri ta' registrazzjoni differenti. Waqt li kienu hemm lemhu lil Charles Farrugia tiela minn naha l-ohra tal-bankina. Dan kellu xkora taht idejh u dahal gewwa ghalqa. Infurmaw lil kollegi taghhom. Lemhu kollega taghhom jigri u Charles Farrugia jigri wkoll u pruvaw izommuh fejn f'hin minnhom qabad gebla u huma hargu l-arma tas-servizz u ceda. Huma kienu qeghdin jaghmlu osservazzjonijiet minhabba li din il-vettura kien hemm suspett fuqha li intuzat f'serq.

**PC 1166 Luca Grasso** flimkien mal-kollega tieghu kienu marru gewwa z-Zejtun sabiex jaghmlu osservazzjonijiet fuq vettura li kien hemm suspett li ntuzat f'diversi serqiet. F'xi hin raw lill-imputat miexi fejn kellu xkora f'idejh u f'hin minnhom dahal f'ghalqa u avzaw lil shabom dwar persuna li gejja fid-direzzjoni taghhom. Wara xi hadd semghu lil kollegi taghhom jghajtulhom u raw lill-imputat jigri. Beda jigri warajh u xi hin ma rahx fejn wara induna li

kien fl-art. L-imputat qam jigri u mar hdejn hajt tas-sejjiegh u qabad gebla. Kien dan il-mument meta ceda, rega' harab u grew warajh u qabduh. Wara saret search fuq il-persuna u gie nutat li kellu riha ta' petrol fuq il-persuna tieghu. Huwa kkonferma li kienu qeghdin jaghmlu osservazzjonijiet fuq vettura bin-numru ta' registrazzjni BAT 606.

Illi din l-akkuza johrog li jrid ikun hemm tlett cirkostanzi li jistghu jsiru fuq il-persuna inkarigata skont il-ligi sabiex twettaq id-doveri taghha. Illi minn dan hemm ic-cirkostanzi u cioe' *jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża.* Illi minn dak li qalu l-istess Pulizija li xehedu fuq din il-kwistjoni ebda wiehed minnhom ma qal li saret xi offiza fuqhom fil-mument li kienu arrestawh jew inkella li qal xi kliem ta' ingurji fil-konfron taghhom. Illi l-unika haga li ntqal kien fil-mument li kienu kwazi waslu hdejn l-imputat waqt li kien fl-ghalqa dan qabad gebla f'idejh. Illi kien fil-fatt x'hin wiehed minnhom hareg l-arma tas-servizz li ceda u tefa l-gebla fl-art. Illi din il-Qorti sejra taghmel refernza ghal diversi sentenzi fejn jidhol l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn intqal hekk:

L-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja, it-theddida u l-offiza meta kommessi fl-ewwel xenarju u cioe` fil-waqt illi l-ufficjal pubbliku jkun qed jaghmel servizz u dan il-motiv fit-tieni u fit-tielet xenarji msemmija fil-paragrafu precedenti. Dan ghaliex meta l-oltragg jitwettaq fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti servizz, mhux necessarju illi l-ingurja jew it-theddid ikunu marbuta mal-funzjoni illi l-ufficjal ikun qieghed jezercita. F'dan ir-rigward l-awturi Cheveau et Helie, li jirreferi ghalihom ukoll il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

> "*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Fiz-zewg sitwazzjonijiet l-ohra, imbaghad, jehtieg illi jigi stabbilit ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan ir-reat jehtieg ukoll illi jigi mwettaq fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku. Dwar dan il-Professur Mamo jghallem illi:

> "*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*"

Illi kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino**, huma tlett elementi essenzjali li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9:

> "*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*
>
> *Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*
>
> *2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".*
>
> *3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita'*

*kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

*Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:*

*"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Dwar dan l-element hekk sottolineat, fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** tat-12 ta' Settembru 1996, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta qalet hekk:

*"Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95."*

Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta li waqt li l-imputat kien qieghed gewwa l-ghalqa u kien hemm il-Pulizija sabiex jarrestawh fuq suspett li kien involut f'reat, huma kienu qeghdin jaghmlu dan waqt il-qadi ta' dmirijietom. Illi fil-mument li qabad gebla f'idejh ghamel dan sabiex ibezza lil Pulizija milli jarrestawh. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn din il-Qorti ssibu hati ta' din l-akkuza.

**L-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-ksur ta' digriet tal-libertà provizorja huwa regolat mill-Artikolu 579 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *579. (1) Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u,* ***barra minn dan, jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu****:*
>
> *Illi din id-disposizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

Illi l-imputat ghandu diversi akkuzi ta' ksur tal-kundizzjonijiet impost fuqhu skont ma' hemm fl-akkuzi numru 36, 37, 38 u 39. Illi a fol 35 tal-process gie esebiet dokument dwar l-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-imputat li jgieb id-data tat-2 ta' Mejju 2014. Illi din l-akkuza kienet giet ikkoreguta sabiex jirrifletti d-data tad-digriet. Gara' pero' li fit-22 ta' Novembru 2018 regghu inqraw l-akkuzi mill-gdid u data tal-istess digriet baqghet dik tas-6 ta' Mejju 2014. Illi mill-akkuzi migjuba kontra l-imputat fl-akkuza li issa giet tinqara ma hemm ebda wahda li taghmel referenza ghal digriet li nhareg fis-6 ta' Mejju 2014 ghal dak li hemm fl-akkuza numru 39. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija li l-imputat kiser xi wahda minn dawn il-kundizzjonijiet imposti stante li d-data tad-digriet li gie esebieti ma jaqbilx mad-data li hemm fl-akkuza.

Illi ghalhekk jibqa' ghal dak li hemm fl-akkuzi ohra taht l-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi gew esebiti vera kopja li jinsabu a fol 39 fuq l-akkuza numru 38. Illi l-istess Spettur ikkonferma li kien l-istess imputat u ghalhekk jirrizulta b'mod sodisfacenti li l-kundizzjonijiet imposti huma tal-imputat. Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib hati lill-imputat talli kiser il-

kundizzjonijiet impost fuqhu fl-20 ta' Jannar 2014 meta kien inghata l-helsien mill-arrest.

Illi meta xehed l-istess Spettur Darren Buhagiar ikkonferma li l-kundizzjonijiet imposti ghal dak li jirrigwarda l-akkuza numru 37 ma kenitx aktar in vigore u ghalhekk ma tistax issib htija li kiser il-kundizzjonijiet impost fuqhu.

Illi meta xehed l-ispettur Kevin Pulis fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015 kien ghamel referenza ghal kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat li kienu mahruga mill-Magistrat Aaron Bugeja li ggib id-data tat-30 ta' Jannar 2015. Illi huwa ikkonferma li dawn il-kundizzjonijiet imposti kienu fuq l-istess imputat odjern.

**Recidiva u Sentenza Sospiza**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli ikkometta reat waqt il-perijodu operativ ta' sentenza sospiza liema sentenza kienet inghatat fl-1 ta' Dicembru 2014. Illi ghandu jinghad li l-imputat f'din is-sentenza kien inghata sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Illi din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal fatt li l-akkuzi fil-konfront tal-imputat kienu regghu inqraw l-ahhar fit-22 ta' Novembru 2018. Illi ghalhekk l-applikazzjoni ta' din is-sentenza fil-mument tal-qari tal-akkuzi fil-konfront tieghu kienet ghada in vigore. Illi din il-Qorti tinnota fil-fedina penali a fol 963 li wahda mill-akkuzi li kellu kienet li kiser din is-sentenza sospiza u gie akkuzat biha fejn fis-17 ta' Novembru 2017 kien gie misjub hati fejn l-istess Magistrat Aaron Bugeja kien rega estenda s-sentenza mghotija mill-Magistrat Doreen Clarke u ghalhekk regghu bdew jidekorru l-perijodu sospiz ta' erba snin. Illi ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati li kkometta reat waqt il-perijodu operativ ta' sentenza sospiza.

**L-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll bi ksur tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jitkellmu dwar ir-recidiva u l-effett taghha u f'dan il-kaz ir-recidiva hija reat u akkuza per se u ghalhekk titlob li

tingieb l-ahjar prova sabiex jigi zgurat li persuna tinstab htija jew le skont il-kaz. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abela Paul moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

*L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*

*Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …."*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna*

*kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawza gew esebiti kopji legali ta' sentenza mghotija fis-16 t'April 2015 (a fol 627) fejn kien gie ikkundannat hmistax il-xahar prigunerija izda sospizi ghal perijodu ta' tlett snin. Illi l-imputat kien tressaq l-ewwel darba fl-24 t'April 2015 kif ukoll kienu regghu inqraw l-akkuzi fil-konfront tieghu fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018. Illi ghalhekk din is-sentenza hija applikabbli ghal kwistjoni ta' recidiva. Illi johrog bic-car pero' li l-akkuza dwar ir-recidiva inharget fuq is-sentenza mghotija mill-Magistrat Doreen Clarke fejn kien instab hati u nghata sentenza sospiza. Illi din il-Qorti diga hadet deċiżjoni fuq il-kwistjoni li l-imputat ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Illi f'sentenza ohra mghotija mill-Magistrat Audrey Demicoli fil-konfront tal-imputat kien gie (a fol 636) applikat l-artikolu 22 tal-Kap 446. Illi f'dan il-kaz ir-recidiva ma tistax tigi applikata la l-artikolu 50 jew it-289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li fis-sentenza mghotija fis-16 t'April 2015 huwa kien akkużat b'serq. Illi ghalhekk l-applikazzjoni tal-artikolu 289 f'dan il-kaz ma tistax tiġi applikata ladarba mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu ma nstabx hati ta' serq.

Illi ghalhekk imiss jekk f'dan il-kaz is-sejbien ta' htija fuq dak li hemm taht l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk tistax tigi applikata r-recidiva. L-artikolu 49 jghid espressament li:

*(1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat,* ***tagħmel reat ieħor****.*

Illi f'dan il-kaz l-imputat Charles Farrugia instab hati minn din il-Qorti fuq dak li hemm fl-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-unici sentenzi li gew esebieti huma fejn kien gie ikkundannat priġunerija iżda bl-applikazzjoni

tal-Artikolu 28A gew sospiżi. Illi ghalhekk fuq dak li jghid l-artikolu 49 jekk persuna tkun giet ikkundannata ghal reat u terga' taghmel reat iehor, tigi misjuba hatja ta' recidiva jekk jigi pruvat. Illi mis-sentenzi esebieti juri bic-car li l-imputat kien gie misjub hati u ghalhekk tali sentenza saret definitiva. Illi fuq dak li jghid l-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minn dak li hemm fis-sentenzi esebieti, din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat Charles Farrugia hati talli rrenda ruhhu recidiv ai terminu tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk jibqa' dak li hemm fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-effett tar-recidiva f'delitt. Illi f'dan il-kaz l-arftikolu 50 jghid:

> ***50.*** *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi mis-sentenzi esebieti fejn huwa kien gie misjub hati u nghata sentenza sospiża kienu ghadhom fis-sehh meta tressaq il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti trid tara dwar dak li hemm fl-artikolu 50 u f'dan il-kaz sabiex japplika dak li hemm f'dan l-artikolu f'kull kaz il-persuna trid tkun skontat il-piena taghha. Dak li hemm fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhalliex alternattiva lill-Qorti hlief li taghti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tieghu u cioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 ghall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-perijodu operativ taghha kien ghadu ghaddej. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma jistax isir zieda fil-piena minhabba recidiva fuq l-iskorta tas-sentenzi esebieti peress li ma jirrizultax li l-perijodu operattiv taghha kien ghadda u ghalhekk titqies li giet skontata jew konvertita ghal xi perjodu ta' prigunerija minflok.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 28B, 92, 95 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, issib lill-imputat Charles Farrugia hati tal-wiehed u tletin (31), sebgha u tletin (37) u disgha u tletin (39) -il imputazzjoni, u ma ssibux hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u tikkundannah ghal multa ta' erbat elef Ewro (€4000) u tordna li ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-perjodu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin li l-hati Charles Farrugia gie ikkundannat permezz ta' sentenza datata 1 ta' Dicembru 2014 isir operattiv b'effett mil-lum.**

**Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska tad-depozitu kif ukoll il-garanzija personali ghas-somma ta' hamest elef Ewro (€5000) kif imposti fid-digriet datat 20 ta' Jannar 2014 liema ammont ghandu jghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u tordna wkoll il-konfiska tad-depozitu kif ukoll il-garanzija ghas-somma ta' sebat elef Ewro (€7000) kif imposti fid-digriet datat 30 ta' Jannar 2015 liema ammont ghandu jghaddi favur il-Gvern ta' Malta.**

Dr. Caroline Farrugia Frendo

Magistrat

Maria Grech-Cardona

Deputat Registratur